MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-29 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 1/1983/2

Konkors tal-kredituri ta’ Giovanna Rapinett armla ta’ Michael Rapinett, bint il-mejtin Giuseppe Darmanin u Concetta nee` Felice, imwielda l-Hamrun u toqghod San Pawl il-Bahar

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta’ Edgar Fava li bih espona:

Illi bic-cedola ta’ depozitu numru sebghin tas-sena elf disa’ mija u tmenin [*recte* elf disa’ mija tnejn u tmenin] (70/82) tal-hdax (11) ta’ Marzu, 1982, fl-ismijiet “Il-Kummissarju ta’ l-Art -versus- Giovanna Rapinett armla ta’ Michael Rapinett bint il-mejtin Giuseppe Darmanin u Concetta nee Felice, imwielda l-Hamrun u toqghod San Pawl il-Bahar” jinsabu depozitati taht l-Awtorita` ta’ dina l-Onorabbli Qorti s-somma ta’ tlettax-il elf lira Maltija (Lm13,000), liema somma tirrapprezenta l-prezz li bih l-istess Giovanna Rapinett xtrat il-“Villa Cettina” gia “Villa

Rosa", Triq Mistra, Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Bahar, u dan skond kuntratt datat id-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru, elf disa mija wiehed u tmenin (1981), fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino, LL.D., liema fond inxtara minghand ir-rikorrenti, Edgar Fava;

Illi dan id-depozitu sar mill-Kummisarju ta' l-Art in forza ta' l-Artikolu tlieta u hamsin (53) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti, 1981, stante li l-Kummissarju ta' l-Art ezercita d-dritt moghti lilu b'din il-ligi ta' l-Irkupru:

Illi Edgar Fava huwa kreditur tad-debitrici, l-imsemmija Giovanna Rapinett, fis-somma ta' elf u erbgha u tmenin lira maltija (Lm1,084), kwantu ghal elf lira Maltija (Lm1,000) bhala bilanc ta' somma akbar tal-prezz tal-villa fuq imsemmija, liema elf lira Maltija kellha tithallas mid-debitrici sal-ghaxra (10) ta' Ottubru, 1981 skond il-kuntratt fuq riferit li gie rez ezekuttiv b'ittra ufficjali ta' l-erbgha (4) ta' Jannar, 1982, u kwantu ghal erbgha u tmenin lira Maltija (Lm84) bhala imghax skond il-ligi mill-ewwel (1) ta' Frar, 1982, id-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali, tas-sitta (6) ta' Novembru, 1983;

Illi huwa gie ukoll kanonizzat kreditur ta' l-imsemmija Giovanna Rapinett b'sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti ta' l-10 ta' Dicembru, 1982, fl-ismijiet "Edgar Fava -versus- Giovanna Rapinett" fis-somma komplessiva ta' hdax-il elf sitt mija wiehed u erbghin lira maltija tlieta u tmenin centezmi u sebgha millezmi (Lm11,641.38,7) in kwantu ghal ghaxart elef lira Maltija (Lm10,000) bhala sorte skond l-istess sentenza, hames mija disgha u tmenin lira Maltija disgha u disghin centezmi u disa millezmi (Lm589.99,9) bhala spejjez u drittijiet legali skond taxxa, u kwantu ghall-elf u wiehed u hamsin lira Maltija, tmienja u tletin centezmi u tmien millezmi (Lm1,051,38.8) bhala imghax legali mid-29 ta' Settembru, 1981, sas-6 ta' Novembru, 1983;

Illi barra Edgar Fava hemm diversi kredituri ohra jippretendu li jizbankaw dan l-ammont;

Ghaldaqstant Edgar Fava talab li dina l-Onorabbli Qorti tordna l-hrug tal-bandu mehtieg in ottemporanza mal-

Artikolu erbgha mija u sbatax (417) tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili biex jinzamm il-konkors relattiv.

Rat l-ordni tal-Qorti ta' l-10 ta' Novembru 1983 fejn gie ordnat il-hrug ta' l-avviz skond l-artikolu 417 tal-Kap 15 a kura tar-Registratur. Rat il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (fol 4), u fit-*Times of Malta* (fol 28).

Rat il-lista tal-kredituri a fol 3 tal-process.

Rat il-libell ta' George Portanier u l-Avukat Dottor Francis Portanier bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza ta' Portanier Brothers Limited, li bih esponew:

Illi b'cedola ta' depositu numru 70/82 tal-11 ta' Marzu, 1983, fl-ismijiet "Kumissarju ta' l-Art vs Giovanna Rapinett" giet imqieghda taht l-Awtorita` ta' dina l-Qorti is-somma ta' tlettax-il elf lira Maltin (Lm13,000) appartenenti lil Giovanna Rapinett;

Illi fuq rikors ta' Edgar Fava tat-8 ta' Novembru, 1983, dina l-Qorti, b'digriet tal-10 ta' Novembru, 1983, ordnat il-ftuh ta' konkors fuq dan id-depositu;

Illi George Portanier u l-Avukat Dottor Francis Portanier fil-kwalita` taghhom fuq esposta huma kredituri ta' Giovanna Rapinett ghal zewg ammonti, l-ewwel wiehed ta' tmienja u sittin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm68.70c) – Dok. A – u t-tieni wiehed ta' elf lira Maltin (Lm1000) – Dok.B;

Illi l-ewwel ammont ta' Lm68,70,0, oltre l-imghaxijiet legali mil-24 ta' Settembru, 1983, sal-effettiv pagament (Dok. C), jirraprezenta bilanc dovut lid-ditta libellanti ghas-supply ta' minerali mibjugha u konsenjata lil Giovanna Rapinett;

Illi t-tieni ammont ta' Lm1000, oltre l-imghaxijiet legali mill-4 ta' Jannar, 1984 sal-effettiv pagament (Dok. D), jirraprezenta self ta' l-istess ammont li kien sar lid-debitrici fuq skrittura privata fil-25 ta' Gunju, 1982; skond din l-

iskrittura, id-debitrici kellha tirrifondi dan l-ammont f'pagamenti mensili ta' hamsin lira l-wiehed, izda sa llum qatt ma hallset xejn u, ghahekk, peress li hi naqset li thallas zewg pagamenti konsekuttivi, jew ammont ekwivalenti, il-libellanti ghandhom d-dritt, a tenur ta' l-istess skrittura, li jitolbu, kif fil-fatt qed jitolbu, il-pagament intier tas-somma kollha lilha mislufa;

Ghaldaqstant George Portanier u l-Avukat Dottor Francis Portanier *nomine* filwaqt li gabu l-infraskritta malliverija ghall-ispejjes ta' din il-procedura u waqt li jirriservaw li 'jippruvaw' il-kreditu taghhom jekk ikun hemm bzonn, talbu li jigu pregredwati fl-imsemmija kreditu taghhom skond il-ligi, u li jigu awtorizzati li jikkonsegwixxu u jizbankaw mill-imsemija cedola s-somma ta' Lm68.70,0, oltre l-imghaxijiet mill-24 ta' Setembru, 1983, sal-effettiv pagament, u s-somma ta' Lm1000, olre l-imghaxijiet mill-4 ta' Jannar, 1984, sal-effettiv pagament, rappresentanti l-kreditu taghhom fuq espost, u dana oltre l-ispejjez taz-zewg ittri interpellatorji tat-23 ta' Settembru, 1983, u tat-3 ta' Jannar, 1984, ta' l-Ittra Ufficcjali tal-21 ta' Dicembru, 1983, u tal-prezenti proceduri.

Rat ic-cedola ta' rkupru u depozitu tal-Kummissarju ta' l-Art (fol 16) dejn gew depozitati Lm13,000.

Rat il-libell ta' George Xuereb li bih espona li hu ghandu jiehu minghand Govanna Rapinett is-somma ta' mija tmienja u tletin lira Maltin hamsa u ghoxrin centesimu (Lm138.25,0) bilanc ta' ammont kanonizzat b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili ta' l-10 ta' Ottubru, 1963 fil-kawza fl-ismijiet "George Xuereb vs Micahel Rapinett" liema Michael Rapinett huwa r-ragel ta' l-istess Giovanna Rapinett oltre l-imghax tas-sitta fil-mija mill-20 ta' April, 1963 sal-lum u l-ispejjes ta' l-imsemmi kawza fl-ammont ta' sittax-il lira sitt xelini u tliet soldi (£16.6s 3d) ekwivalenti ghal sittax-il lira Maltin wiehed u tletin centezmu u tliet millezimi (Lm16.31,3) skond kopja legali tat-taxxa unita Dok A.

Ghaldaqstant George Xuereb filwaqt li gab il-garanzija taht imsemmija ghall-ispejjes tal-kawza talab li l-kreditu

tieghu fuq imsemmi jigi pregradwat fuq il-kreditu tal-kredituri l-ohra u li konsegwentement jigi awtorizzat jizbanka s-somma li ghandu jiehu mic-cedola ta' depozitu Numru 70/82 fl-ismijiet "Kummissarju tal-Artijiet vs Giovanna Rapinett armla minn Micahel Rapinett" li fuqu hemm il-konkors u b'hekk tigi amministrata gustizzja skond il-ligi.

Rat il-libell ta' Maurice Cini ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija A.V. Bartoli & Sons Ltd. Li bih espona ghandu jiehu minghand Giovannna Rapinett is-somma ta' sitt mija wiehed u ghoxrin lira sebgha u sittin centezmu u seba' millezmi (Lm621.67,7) bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-istess Giovanna Rapinett oltre l-imghax kummercjali ammontanti ghal tmienja u sebghin lira Maltin sitta u sittin centezmu (Lm78.66,0) fuq l-istess somma mit-13 ta' Mejju, 1982 sal-lum kif ukoll tliet liri Maltin wiehed u erbghin centesimu u sitt millezmi (Lm3,41,6) spejjes ta' l-ittra ufficjali tat-13 ta' Mejju, 1982 skond taxxa unita Dokument A.

Ghaldaqstant Maurice Cini *nomine* filwaqt li gab il-garanzija msemmija ghall-ispejjes tal-kawza talab li l-kreditu tieghu fuq imsemmi jigi pregradwat fuq il-kreditu tal-kredituri l-ohra u l-konsegwentement jigi awtorizzat jizbanka s-somma li ghandu jiehu mic-cedola ta' depositu Nru. 70/82 fl-ismijiet "Kummissarju tal-Artijiet v. Giovanna Rapinett armla minn Michael Rapinett" li fuqu hemm il-konkors u b'hekk tigi amministrata gustizzja skond il-ligi.

Rat il-libell tan-Nutar Dottor Paul Pulicino li biha espona li ghandu jiehu minghand l-imsemmija Giovanna Rapinett is-somma ta' erba' mija u disgha u tletin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm439.40,0) u dana bhala drittijiet professjonali u spejjes dovuti lilu in konnessjoni mal-pubblikazzjoni ta' l-Att tat-trasferiment lill-imsemija Giovanna Rapinett tal-proprjeta` maghrufa bhala "Villa Rosa" Mistra Road, Xemxija u li sar fl-Atti tieghu tad-29 ta' Settembru, 1981, liema ammont gie wkoll intaxxat a favur tieghu b'taxxa mahruga mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili, li kopja fotostatika gieta nnessa bhala dokument 'A', u li giet reza esegwibbli permezz ta' ittra ufficjali tat-23 ta' Jannar,

1984, li kopja ufficjali giet annessa bhala Dokument 'B'. L-istess kreditu gie iskritt fir-Registru Pubbliku bl-ipoteka legali numerata 553/84, liema kreditu tieghu huwa privileggjat.

Ghaldaqstant in-Nutar Dottor Paul Pulicino, filwaqt li gab il-garanzija taht imsemmija ghall-ispejjes jitlob li l-kreditu tieghu fuq imsemmi jigi pregradwat fuq il-krediti tal-kredituri l-ohra u li konsegwentement jigi awtorizzat jizbanka s-somma li ghandu jiehu mic-cedola ta' depozitu numru 70/82 fl-ismijiet "Kummissarju tal-Artijiet vs Giovanna Rapinett, armla ta' Michael Rapinett" u b'hekk tigi amministrata gustizzja skond il-Ligi.

Rat il-libell ta' Carmelina sive Lina Debattista li bih esponiet li b'cedola ta' depositu numru 70/82 tal-11 ta' Marzu 1983, fl-ismijiet "Kumissarju tal-Art vs Giovanna Rapinett" giet imqiegheda taht l-Awtorita` ta' dina l-Qorti s-somma ta' tlettax-il elf lira Maltin (Lm13,000) appartenenti lil Giovanna Rapinett;

Illi fuq rikors ta' Edgar Fava tat-8 ta' Novembru 1983, dina l-Qorti, b'digriet ta' l-10 ta' Novembru 1983, ordnat il-ftuh ta' konkors fuq dan id-depozitu.

Illi Carmelina sive Lina Debattista hija kreditrici ta' l-imsemmija Giovanna Rapinett ghas-somma ta' erba' mija, sebgha u hamsin lira u hamsin centezmu, (Lm457.50,0) li huma in parti kera arretrata tal-hwienet 2 u 3, Islet Promenade, Bugibba skond l-iskrittura tat-12 ta' Mejju, 1983 u in parti kera arretrata tal-hanut 2, Islet Promenade Bugibba sat-2 ta' Frar 1984.

Ghaldaqstant Carmelina sive Lina Debattista filwaqt li gabet il-garanzija taht imsemmi ghall-espejjes tal-kawza talbet li l-kreditu taghha fuq imsemmi jigi pregradwat fuq il-kreditu tal-kredituri l-ohra u li konsegwentement tigi awtorizzata tizbanka s-somma li ghandha tiehu mic-cedola ta' depozitu numru 70/82 fl-ismijiet "Kummissarju tal-Artijiet vs Giovanna Rapinett armla minn Michael Rapinett" li fuqu hemm il-konkors u b'hekk tigi amministrata gustizzja skond il-ligi.

Rat il-Libell ta' Victor Zerafa li bih espona li b'cedola ta' depozitu numru 70/82 tal-11 ta' Marzu 1983, fl-ismijiet "Kummissarju tal-Art vs Giovanna Rapinett" giet imqiegheda taht l-Awtorita` ta' dina l-Qorti s-somma ta' tlettax-il elf lira Maltin (Lm13,000) appartenenti lil Giovanna Rapinett;

Illi fuq rikors ta' Edgar Fava tat-8 ta' Novembru, 1983 dina l-Qorti, b'digriet tal-10 ta' Novembru 1983, ordnat il-ftuh ta' konkors fuq dan id-depozitu;

Illi Victor Zerafa ghandu jiehu minghand l-imsemmija Giovanna Rapinett is-somma ta'erba' mija u seba' liri, (Lm407) ghall-kera arretrata tal-hanut 3, Islet Promenade, Bugibba sat-2 ta' Frar 1984.

Ghaldaqstant Victor Zerafa filwaqt li gab il-garanzija taht imsemmi ghall-ispejjes tal-kawza, talab li l-kreditu tieghu fuq imsemmi jigi pregradwat fuq il-kreditu tal-kredituri l-ohra u li konsegwentement jigi awtorizzat jizbanka s-somma li ghandu jiehu mic-cedola ta' depozitu numru 70/82 fl-ismijiet "Kummissarju tal-Artijiet vs Giovanna Rapinett armla minn Michael Rapinett" li fuqu hawn il-konkors u b'hekk tigi amministrata giustizzja skond il-ligi.

Rat il-libell ta' Edgar Fava li biha espona li b'kuntratt tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru, elf disgha mija wiehed u tmenin (1981) fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino, LL.D. (anness u immarkat Dok. "A"), il-libellant bigh u ittrasferixxa lil Giovanna Rapinett id-dar b'zewg sulari li jisimha "Villa Rosa" (illum "Villa Cettina") li qieghedha fil-limiti ta' San Pawl il-Bahar fil-kontrada tax-Xemxija, f'Mistra Road, bla numru, b'gardina zghira annessa, bil-prezz ta' tlettax-il elf lira Maltija (Lm13,000), li minnhom il-libellant ircieva elfejn lira Maltija (Lm2,000), fil-waqt li l-bilanc ta' hdax-il elf lira Maltija (Lm11,000) kellhom jithallsu hekk: elf lira Maltija (Lm1,000) sal-ghaxra (10) ta' Ottubru, 1981: hamest elef lira Maltija (Lm5,000) sad-29 ta' Settembru, 1982: u Lm5,000 ohra sad-29 ta' Settembru, 1983, bl-interessi tal-hamsa fil-mija (5%) fis-sena mid-data tal-kuntratt fuq l-Lm10,000;

Illi huwa gie kanonizzat kreditur ta’ l-istess Giovanna Rapinett b’sentenza ta’ dina l-Onorabbli Qorti ta’ l-ghaxra (10) ta’ Dicembru, 1982, fl-ismijiet “Edgar Fava –versus- Giovanna Rapinett” (unita Dok. “B”) fis-somma komplessiva ta’ tnax-il elf, seba’ mija u hamsa u erbghin lira Maltija, disgha u disghin centezmi u disa’ millezmi (Lm12,745.99,9); kwantu ghal hdax-il elf lira Maltija (Lm11,000) bhala sorte; kwantu ghal hames mija disgha u tmenin lira Maltija, disgha u disghin centezmi u disa’ millezmi (Lm589.99,9) bhala spejjez skond taxxa (unita u immarkata Dok. “C”); u kwantu ghal elf, mija u sitta u hamsin lira Maltija (Lm1,156) bhala imghax legali fuq l-Lm10,000 mid-29 ta’ Settembru, 1981, sat-23 ta’ Jannar, 1984, skond l-istess sentenza, oltre l-imghaxijiet ulterjuri sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi huwa wkoll kreditur ta’ l-istess Giovanna Rapinett fis-somma ta’ tmienja u disghjn lira Maltija (Lm98) bhala mghax legali fuq l-Lm1,000, bilanc ta’ somma akbar tal-prezz tal-villa fuq imsemmija, liema Lm1,000 kellha tithallas sal-10 ta’ Ottubru, 1981, skond il-kuntratt fuq riferit li gie rez ezekuttiv, limitatament ghall-Lm1,000, b’ittra ufficjali ta’ l-erbgha ta’ Jannar, 1982 (unita Dok. “D”), liema imghax beda ghaddej mill-ewwel (I) ta’ Frar, 1982, id-data tan-notifika ta’ l-ittra ufficjali, sat-23 ta’ Jannar, 1984, oltre l-imghaxijiet sal-pagament effettiv;

Illi b’digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti ta’ l-ghaxra (10) ta’ Ottubru, 1983, pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Decembru, 1983, dina l-Onrabbli Qorti ordnat il-ftuh ta’ konkors ta’ kredituri fuq l-istess, u iffissat il-jum tat-tlettax (13) ta’ Frar, 1984, fid-9 a.m. ghat-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-krediti ta’ Edgar Fava jgawdu diversi privileggi u ipoteki kif jigi spejegat ahjar waqt ir-trattazzjoni tal-kawza:

Ghaldaqstant Edgar Fava, fil-waqt li ipproduca l-malliverija, u filwaqt li ghamel referenza ghall-provi prodotti u irriserva li jgieb kwalunkwe prova ohra permessa mil-ligi, talab li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha

tippregradwa a preferenza ta' konkorrenti ohra, il-krediti ta' Edgar Fava fuq indikati fl-ammont komplessivament ta' Lm12,843.99,9, flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri sad-data ta' l-erffettiv pagament, u konsegwentement jigi awwtorizzat jizbanka s-somma li tigi lilu pregradwata.

Bl-ispejjez tal-prezenti procedura u tal-procedura li tat bidu ghal dan il-konkors.

Rat il-libell tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri li bih espona hu ghandu jiehu minghand l-imsemmija Giovanna Rapinettt is-somma ta' dsatax-il lira (Lm19) oltre l-imghaxijiet legali mid-data tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar, 1984, sad-data tal-effettiv pagament, liema somma tirrapprezenta d-drittijiet u spejjez Nutrali tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri in konnessjoni mal-kuntratt ta' self bejn Giiovanna Rapinett u Joseph Grima fl-atti tieghu tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru ta' l-elf disa' mija u wiehed u tmenin (1981) u dan dkond taxxa unita mal-ittra ufficjali tieghu kontra l-imsemmija debitrici tal-26 ta' Jannar, 1984;

Illi n-Nutar Dottor Joseph Spiteri ghandu jiehu wkoll flimkien mal-ammont fuq indikat, is-somma ta' tliet liri, wiehed u ebghin centesmu u sitt millesmi (Lm3,41.6) spejjez ta' l-msemmija ittra ufficjali tas-26 ta' Jannar, 1984 skond taxxa unita (Dok. A). Ghaldaqstant in-Nutar Dottor Joseph Spiteri filwaqt li gab il-garanzija hawn taht msemmija ghall-ispejjez tal-kawza talab li l-kreditu tieghu fuq il-kreditu tal-krendituri l-ohra u li konsegwentement jigi awtorizzat jizbanka s-somma li ghandu jiehu mic-cedola ta' depositu numru 70/82 fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet -vs- Giovanna Rapinett armla minn Michael Rapinett li fuqu hemm il-konkors u b'hekk tigi ammonistrata l-gustizzja skond il-ligi u dan oltre l-ispejjez ta' din il-procedura.

Rat il-libell ta' John Calleja li bih espona li b'sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tas-7 ta' Marzu 1983, John Calleja gie kanonizzat kreditur ta' l-imsemmija Giovanna Rapinett fis-somma ta' hames mija u hamsa u disghin lira Maltija,

tnejn u disghin centesmi u hames millezmi (Lm595.92,5), in kwantu ghal hames mitt lira Maltija (Lm500) sorte, ghoxrin lira Maltija, tlieta u tmenin centesmu u tliet millezmi (Lm20.83,3) imghax sas-7 ta' Jannar 1984, u hamsa u sebghin lira Maltija, tmien contesmi u zewg millesmi (Lm75.08,2) drittijiet u spejjez tal-kawza fl-ismijiet "John Calleja vs Giovanna Rapinett".

Illi, l-kreditu ta' John Calleja igawdi diversi privileggi u ipoteki kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi b'digriet ta' dina l-Qorti ta' 10 ta' Novembru 1983, ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, tas-27 ta' Dicembru 1983, dina l-Onrabbli Qorti ordnat il-ftuh ta' konkors ta' kredituru fuq l-istess u iffissat il-jum tat-13 ta' Frar 1984, fil-9.00a.m. ghat-trattazzjoni tal-kawza.

Ghaldaqstant, John Calleja, filwaqt li gab il-malliverija u filwaqt li ghamel refernza ghall-provi prodotti u irriserva li jgib kwalunkwe prova ohra permessa mil-ligi, talab lill-Qorti joghgobha tippregradwa a preferenza ta' konkorrenti ohra l-kreditu ta' John Calleja fuq indikat Lm595.92,5 u konsegwentement jigi awtorizzat jizbanka s-somma li tigi lilu ippregradwata.

Rat il-libell ta' Albert Bonello bhala direttur u in rapprezentanza ta' A. Bonello Ltd. li bih espona li b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-12 ta' Novembru, 1982 fl-ismijiet Albert Bonello bhala direttur u in rapprezentanza ta' A. Bonello Ltd. vs Giovanna Rapinett, Albert Bonello *nomine* gie kanonizzat kreditur ta' l-imsemmija Giovanna Rapinett fis-somma ta' erba' mija u tmien liri, tmienja u sebghin centezmi u sitt millezmi (Lm408.78.6) kwantu ghal tliet mitt lira u disgha u hamsin centezmu (Lm300.59c) sorte, sitta u ghoxrin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm26.25c) imghax sal-lum, tlieta u sittin lira tlieta u sebghin centezmu u zewg millezmi (Lm63.73,2) spejjes gudizzjarji tal-kawza, u tmintax-il lira wiehed u ghoxrin centezmu u erbgha millezmi (Lm18.21.4) spejjes tal-Mandat ta' Sekwestru mahrug kontra l-intimata;

Illi sal-lum id-debitrici Giovanna Rapinett ghadha ma hallset xejn mis-somma u ghalhekk Albert Bonello *nomine* huwa kreditur taghha fis-somma fuq imsemmija oltre l-imghaxijiet sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi b’cedola numru 70 ta’ l-1982 giet depozitata s-somma ta’ tlettax-il elf lira (Lm13,000) f’isem l-istess Giovana Rapinettt u dana jirrizulta mill-avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta’ Diecembru 1983, u Albert Bonello *nomine* jrid jikkonkorri fuq dana d-depozitu;

Ghaldaqstant Albert Bonello *nomine* filwaqt li gab l-infraskritta malliverija biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjes tal-prezenti procedura u filwaqt li irriserva li jgib il-provi kollha ammissibbli skond il-ligi, talab li jigi ammess li jikkonkorri fuq l-imsemmi depozitu li fuqu qed isir dan il-konkors ghall-imsemmi kreditu tieghu ta’ erba’ mija u tmien liri tmienja u sebghin centezmu u sitt millezmi (Lm408.78,6) oltre l-imghaxijiet kolha relativi sal-gurnata ta’ l-effettiv pagament u konsegwentement tawtorizzah jizbanka s-somma indikata bl-ispejjes ta’ dina il-procedura u dawk tal-mandati ta’ qbid u ta’ sekwestru mahruga kontra l-intimata .

Rat il-libell ta’ Joseph Grima, bin il-mejtin Nikola u Rosa nee` Portelli, imwieled u joqghod ir-Rabat, Malta li bih espona li huwa kreditur ta’ l-imsemmija Giovanna Rapinett ghall-ammont ta’ elf lira Maltija (Lm1000) liema ammont jirrappresenta self ta’ l-istess somma minn Joseph Grima favur l-istess Giovanna Rapinett skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri datat tnejn u ghoxrin (22) ta’ Dicembru ta’ l-elf, disa’ mija u wiehed u tmenin (1981), li kopja tieghu tinsab annessa (Dok. “A”) oltre l-imghaxijiet fuq l-istess somma bir-rata ta’ tmienja fil-mija fis-sena (8%) dekorribbli mid-data ta’ dan il-kuntratt sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi skond l-istess kuntratt id-debitrici kellha tirrestitwixxi dan is-self b’pagamenti mensili ta’ mhux inqas minn mitt lira (Lm100) ’il wiehed izda sal-lum hi baqghet inadempjenti u l-kreditu ta’ Joseph Grima huwa esigibbli;

Illi inoltre l-imsemija ammont ta’ Lm1000 oltre l-imghaxijiet fuq indikati, Joseph Grima wkoll ghandu jiehu minghand Giovanna Rapinett is-somma ta’ tliet liri Maltin, wiehed u ebghin centezmu u sitt millesmi (Lm3.41,6) spejjes ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Jannar, 1984 skond taxxa unita (Dok. “B”);

Ghaldaqstant Joseph Grima filwaqt li gab il-garanzija taht imsemmi ghall-ispejjez tal-kawza talab li l-kreditu tieghu fuq imsemmi jigi pregradwat fuq il-kreditu tal-kredituri l-ohra u li konsegwentement jigi awtorizzat jizbanka s-somma li ghandu jiehu mic-cedola ta’ depositu Nru. 70/82 fl-ismijiet “Kummissarju tal-Artijiet v. Giovanna Rapinett armla minn Michael Rapinett” li fuqu hemm il-konkors u b’hekk tigi amministrata l-gustizzja skond il-ligi, u dan oltre l-ispejjez ta’ din il-procedura.

**B. NOTA:**

Rat in-nota ta’ Giovanna Rapinett tat-13 ta’ Frar 1984 li biha attirat l-attenzjoni tal-Qorti ghall-fatt li c-cedola ta’ depozitu hija nulla u li hi gja allegat tali nullita` b’ittra ufficjali debitament notifikata lid-depozitant u li ghalhekk il-flus depozitati ma jappartjenux lilha u ma jistghux jigu zbankati u li sejra tipprocedi ghad-debita citazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-digriet ta’ l-10 ta’ Gunju 1985 li bih gie nominat Dr. Richard Galea Debono bhala perit gudizzjarju.

Rat id-digriet ta’ l-24 ta’ April 1995 li bih il-Qorti issostitwiet lill-espert b’Dr. Louis Cassar Pullicino.

Rat id-digriet tat-2 ta’ Novembru 1998 li bih giet nominata Dr. Deborah Huber biex tissostitwixxi lil Dr. Cassar Pullicino.

Rat li fil-mori tal-kawza miet George Xuereb, wiehed mill-kredituri, u saret it-trasfuzjoni tal-gudizzju.

Rat li fl-20 ta’ Jannar 2003 il-process wasal quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Rat id-digriet tat-23 ta’ Gunju 2006 li bih gie nominat Dr. Stefano Filletti biex jissostitwixxi lil Dr. Huber.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Stefano Filletti li fih ezamina t-talbiet ta’ kull kreditur u d-dokumenti kollha annessi in sostenn ta’ l-ammont u analizza l-konkors tal-kredituri u f’pagna 15 tar-rapport (265 tal-process), ’il quddiem ikkonkluda hekk:
“Illi t-talbiet ma gewx ikkontestati u kwindi t-talbiet tal-kredituri gew ippruvati b’ mod sodisfacenti.

1. Konkors tal-Kredituri

Jigi rilevat illi f’ kull kalkolu l-imghax ma thalliex jaqbez is-sorte dovut u dan in linea ma’ diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell.

1. Edgar Fava:
(i) (a) LM 1,000 bhala bilanc ta’ prezz ta’ villa
(b) Imghax mill-ittra ufficjali datat 4 ta’ Jannar 1982;
Total sal-lum: LM 1000 sorte u LM 1000 imghax (kif ridott minn LM 1287.5), b’total ahhari ta’ LM 2000 peress li l-imghax ma jistax jeccedi *s-sorte*.

(ii) (a) LM 10,000 sorte fis-sentenza Edgar Fava vs Giovanna Rapinett (10/12/1982);
(b) LM 589.99,9 bhala spejjez u drittijiet;
(c) Imghax mid-29/9/1981 (bil-5%).
Total sal-lum: LM 10,000 sorte, LM 10,000 imghax (kif ridott minn LM 12,958), LM 590 spejjez b’ total ahhari ta’ LM 20,590.

2. Portanier Brothers Limited:
(i) LM 68.70 bilanc dovut oltre imghax mill-24 ta’ Settembru 1983;

(ii) LM 1,000 dejn dovut oltre imghax mill-4 ta' Jannar 1984;

Total: LM 1,068.70 u LM 1068.70 imghax (kif ridott minn LM 1269.08 kalkolati mill-ittra ufficjali datata 21 ta' Dicembru 1983) b' total ahhari ta' LM 2137.4.

3. George Xuereb:

(i) (a) LM 138.25 bilanc kannonizzat fil-kawza *George Xuereb vs Michael Rapinett* (10 ta' Ottubru 1963) maghmula kontra r-ragel (illum mejjet ) ta' Giovanna Rapinett oltre imghax (6%) mill-20 ta' April, 1963;

(b) Spejjez fl-ammont ta' LM 16.31;

Total sal-lum: LM 138.25 bhala sorte, LM 138.25 (kif ridott minn LM 368.44) u LM 16.31 spejjez b' total ahhari ta' LM 292.81.

4. A.V. Bartoli & Sons Limited:

(i) (a) LM 621.67,7 bilanc ta' prezz;

(b) Imghax mit-13 ta' Mejju 1982;

(c) LM 3.41,6 spejjez ta' ittra ufficjali datata 13 ta' Mejju 1982.

Total sal-lum: LM 621.68 bilanc, LM621.68 imghax (kif ridott minn LM 787.46) u LM 3.42 bi spejjez b' total ahhari ta' LM 1246.78.

5. Nutar Paul Pullicino:

(i) LM 439.40 drittijiet professjonali ghal kuntratt datat 29 ta' Settembru 1981;

Total sal-lum: LM 439.40

6. Carmelina Debattista:

(i) (a) LM 975 skond sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet *Victor Zerafa vs Giovanna armla ta' Michael Rapinett et* (3/2/1986);

(b) Imghax bi 8% mis-7 ta' Mejju 1984;

Total sal-lum: LM 975 sorte, LM 975 imghax (kif ridott minn LM1683.50) b' total ahhari ta' LM 1950.

(ii) (a) LM 235 skond sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet *Carmelina Debattista vs Giovanna Rapinett et* (14/3/1991);

(b) Imghax bi 8% u spejjez;

(c) LM 48.51,6 imhallsin lill-kuratur Dr Mark Chetcuti.

Total sal-lum: LM 235 sorte, LM 235 imghax u spejjez (kif ridott minn LM314.90), LM 48.52 spejjez ta' kuraturi b' total ahhari ta' LM 518.52.

7. Victor Zerafa;

(i) LM 407 rapprezentanti arretrati ta' kera;

Total sal-lum: LM 407.

8. Nutar Joseph Spiteri:

(i) LM 19 drittijiet professjonali oltre imghaxijiet legali mis-26 ta' Jannar 1984 (data ta' ittra ufficjali) in konessjoni ma' kuntratt nutarili ta' self bejn Giovanna Rapinett u Joseph Grima datat 22 ta' Dicembru 1981;

Total sal-lum: LM 19 sorte, LM 19 imghax (kif ridott minn LM 24.62) b' total ahhari ta' <u>LM 38.</u>

9. John Calleja:

(i) (a) LM 500 sorte mis-sentenza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza John Calleja vs Giovanna Rapinett deciza 7/03/1983;

(b) Imghax (bil-5%);

(c) LM 75.08,2 spejjez u drittijiet.

Total sal-lum: LM 500 sorte, LM 500 imghax (kif ridott minn LM612.50) u LM 75.08 spejjez b' total ahhari ta' <u>LM 1075.08</u>.

10. A. Bonello Limited:

(i) (a) LM 300.59 sorte minn kawza deciza fit-12 ta' Novembru 1982;

(b) Imghax;

(c) LM 63.73,2 spejjez gudizzjarji;

(d) LM 81.21.4 mandat ta' Sekwestru.

Total sal-lum: LM 300.59 sorte, LM 300.59 imghax (kif ridott) LM 144.95 spejjez gudizzjarji b' total ahhari ta' <u>LM 746.13.</u>

11. Joseph Grima:

(i) (a) LM 1000 self skond kuntratt nutarili datat 22/12/1981;

(b) Imghax ta’ 8% skond il-kuntratt mid-data ta’ l-ittra ufficjali datat 24 ta’ Jannar 1984;
(c) LM 3.41,6 spejjez ta’ l-ittra ufficjali datata 24 ta’ Jannar 1984.
Total sal-lum: LM 1000 self, LM 1000 imghax (kif ridott minn LM 1,900) u LM 3.42 spejjez ta’ l-ittra ufficjali b’ total ahhari ta’ LM 2003.42.

12. Krediti u Ammonti

Illi l-kredituri li qed jikkonkorru huma s-segwenti f’ dawn l-ammonti:

| | | |
|---|---|---|
| 1. Edgar Fava | € 52620.55 | LM 22,590 |
| 2. Portanier Brothers Limited | € 4978.80 | LM 2,137.40 |
| 3. George Xuereb | € 682.06 | LM 292.81 |
| 4. A.V. Bartoli & Sons Limited | € 2904.22 | LM 1246.78 |
| 5. Nutar Paul Pullicino | € 1023.53 | LM 439.40 |
| 6. Carmelina Debattista | € 5750.10 | LM 2468.52 |
| 7. Victor Zerafa | € 948.05 | LM 407 |
| 8. Nutar Joseph Spiteri | € 88.52 | LM 38 |
| 9. John Calleja | € 2504.26 | LM 1075.08 |
| 10. A. Bonello Limited | € 1738.02 | LM 746.13 |
| 11. Joseph Grima | € 4666.71 | LM 2003.42 |
| TOTAL | € 77904.82 | LM 33444.54 |

13. Privileggi u Ipoteki

Illi l-Artikoli 2003 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jelenka l-kredituri privileggjati li ghandhom jithallsu l-ewwel. Dawn huma:

(1) Spejjez gudizzjarji msemmija fl-artikolu 2004 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(2) Edgar Fava li ghandu privilegg ai termini ta’ l-artikolu 2009(d) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta peress illi l-kreditu tieghu huwa bilanc ta’ prezz ta’ l-immobbli mibjugh (u spejjez relatati). L-irkupru ezercitat kontra Giovanna Rapinett ma jitterminax dan il-privilegg izda minflok il-privilegg ghandu jissussiti fil-konfront tal-flus iddepozitati b’ cedola in ezercizzju ta’ l-irkupru u dan peress li kull irkupru fiz-zmien li sar *ope legis* kien intiz illi jzomm mittiefsa d-drittijiet tal-partijiet u kull rkupru kellu jsehh bl-istess kundizzjoni naxxenti mill-kuntratt ta’ bejgh.

Illi l-artikoli 2001 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jistabilixxu l-ezistenza ta’ ipoteki. Fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta’ A.V. Bartoli & Sons limited ghandha ipoteka generali kontra Giovanna Rapinett ghall-hlas tal-kreditu taghha (Insinwa Numru 14169/1984).

Illi l-artikoli 2088 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jistabilixxi l-priorita’ tal-pagament ta’ privileggi u ipoteki. Ghaldaqstant mill-provi prodotti jirrizulta s-segwenti prijorita`:

1. Spejjez Gudizzjarji;
2. Kreditu Privileggjat ta’ Edgar Fava;
3. Ipoteka Generali ta’ A.V. Bartoli & Sons Limited;
4. Kredituri l-ohra.

<u>Konkluzjonijiet</u>
Ghaldaqstant l-esponent umilment jissottometti s-segwenti konkors:
Kredituri Privileggjati:
1. Spejjez Gudizzjarji;
2. Edgar Fava € 52620.55 LM 22,590

Kredituri Ipotekarji:
3.A.V. Bartoli & Sons Limited € 2904.22 LM 1246.782.

Kredituri Ordinarji:

4. Kredituri kollha l-ohra li jikkonkorru *pari passu:*

| | | | |
|---|---|---|---|
| *i.* | Portanier Brothers Limited | € 4978.80 | LM 2,137.40 |
| ii. | George Xuereb | € 682.06 | LM 292.81 |
| iii. | Nutar Paul Pullicino | € 1023.53 | LM 439.40 |
| iv. | Carmelina Debattista | € 5750.10 | LM 2468.52 |
| v. | Victor Zerafa | € 948.05 | LM 407 |
| vi. | Nutar Joseph Spiteri | € 88.52 | LM 38 |
| vii. | John Calleja | € 2504.26 | LM 1075.08 |
| viii. | A. Bonello Limited | € 1738.02 | LM 746.13 |
| ix. | Joseph Grima | € 4666.71 | LM 2003.42 |

Illi ghalhekk f' kull probabilita' c-cedola ta' depozitu datata 11 ta' Marzu 1982 (Cedola Numru 70/82) fl-ismijiet Kummissjaru ta' l-Art vs Giovanna Rapinett fl-ammont ta' tletin mitejn u wiehed u tmenin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€ 30281.85) jew tlettax-il elf lira Maltin (LM 13,000) sejra tissodisfa l-ispejjez gudizzjarji u parti mit-talba ta' l-attur Edgar Fava."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi ghalkemm naturalment il-Qorti ghandha kull dritt li wara li tezamina u tevalwa x-xhieda kollha moghtija kif ukoll id-dokumenti ezebiti u naturalment is-sezzjonijiet tal-ligi applikabbli u senjatament l-artikoli 416 *et* tal-Kap 12 u 510 *et* tal-Kap 13, jekk thoss il-bzonn li tvarja jew tbiddel xi parti mir-rapporti peritali dan tista' taghmlu, ma thossx li ghandha tvarja xejn mill-konkluzjonijiet peritali u dan peress li taqbel mal-istess konkluzjonijiet u taghmilhom taghha. Dan ifisser li taqbel mal-gradwazzjoni li l-ewwel ghandhom jigu l-ispejjez gudizzjarji u wara l-kreditu privileggat ta' Edgar Fava, segwit bl-ipoteka generali ta' AV Bartoli and Sons Ltd u in segwitu l-kredituri l-ohra fl-ammonti indikati a fol 271 tal-process; ghalhekk jistghu fil-

kaz in ezami jigu sodisfatti biss l-ispejjez gudizzjarji u parti mit-talba ta' Edgar Fava.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti b'referenza ghar-rikors u l-libelli, tilqa' t-talba biss fis-sens li wara li jigu sodisfatti l-ispejjez gudizzjarji, il-bilanc ghandu jigi irtirat minn Edgar Fava.

L-ispejjez relattivi ghar-registru u periti nominati jitnaqqsu mill-ammont depozitat fic-cedola, waqt li fil-konfront tal-kredituri l-ohrajn kollha spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------